MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1971/2005

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Frank Cachia u Jane Cachia**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta'elf erbgha mija u wiehed u disghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmi(Lm1491.47) rapprezentanti import ta' dsatax il-kambjala skaduti u mhux imhallsa, bl-spejjez u bl-interessi.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fit-8 ta' Awissu 2006, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' ta'elf erbgha mija u wiehed u disghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmi(Lm1491.47) b'l-ispejjez u bl-interessi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------